

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2339****tat-28 ta' Novembru 2022****li jagħlaq l-istaġun tas-sajd għall-aringa fl-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi l-kwoti għall-2022.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-aringa fl-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2022.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-istokk tal-aringa għall-2022 fl-ilmijiet Norveġiżi fin-Nofsinhar ta' 62° N imsemmija fl-Anness għandha titqies eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1, mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, għandhom ikunu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut ta' dak l-istokk li jinqabad minn daww il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rilokat, trażbordat jew li jinħatt l-art.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/109 tas-27 ta' Jannar 2022 li jstabbilixxi għall-2022 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President*  
Virginijus SINKEVIČIUS  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

Nru	10/TQ109
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea (l-Istati Membri kollha)
Stokk	HER/*4N-S62
Speċi	Aringa ( <i>Clupea harengus</i> )
Żona:	L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N
Data tal-Għeluq	28.10.2022